



Kunsill Ewropew

Brussell, 2 ta' Ottubru 2020
(OR. en)

EUCO 13/20

CO EUR 10
CONCL 6

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew (1 u 2 ta' Ottubru 2020) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

I. COVID-19

1. Il-Kunsill Ewropew kellu diskussjoni fil-fond dwar l-immaniġġar tal-pandemija tal-COVID-19. Huwa determinat li nkunu magħqudin f'din is-sitwazzjoni diffiċli, u jappella lill-Kunsill, flimkien mal-Kummissjoni, biex ikompli jżid l-isforz ta' koordinazzjoni ġenerali u l-ħidma fuq l-iżvilupp u d-distribuzzjoni ta' vaċċin fil-livell tal-UE. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura regolarment għal din il-kwistjoni.

II. IS-SUQ UNIKU, IL-POLITIKA INDUSTRIJALI U D-DIMENSJONI DIĠITALI

2. Il-pandemija tal-COVID-19 ser ikollha impatt fit-tul fuq l-ekonomija Ewropea u dik globali. Hija ssottolinjat kemm l-assi kif ukoll id-dipendenzi tal-Ewropa. Bażi ekonomika b'saħħitha issa hija essenzjali aktar minn qatt qabel għat-tkabbir inklużiv u sostenibbli, il-kompetittività, l-impjiegi, il-prosperità u għar-rwol tal-Ewropa fix-xena globali.
3. F'Lulju, il-Kunsill Ewropew qabel dwar pakkett għall-irkupru mingħajr preċedent biex jiġġielew l-effetti tal-COVID-19 fuq l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna, u biex jippromwovi l-irkupru b'saħħtu tal-Ewropa u t-trasformazzjoni u r-riforma tal-ekonomiji tagħna. Iż-żewġ pilastri ta' dan l-irkupru li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku, it-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali, flimkien ma' Suq Uniku b'saħħtu u profond, ser irawmu forom ġodda ta' tkabbir, jippromwovu l-koeżjoni u l-konverġenza, u jsaħħu r-reżiljenza tal-UE. Il-kisba ta' awtonomija strateġika filwaqt li tiġi ppreservata ekonomija miftuħa hija objettiv ewlieni tal-Unjoni.

Suq Uniku u politika industrijali

4. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-ħtieġa li nerġgħu lura għall-funzjonament normali tas-Suq Uniku mill-aktar fis possibbli. Iżda dan mhux biżżejjed: ser nisiltu t-tagħlimiet mill-kriżi tal-COVID-19, nindirizzaw il-frammentazzjoni, l-ostakli u d-dgħufijiet li fadal, u nżidu l-ambizzjoni tagħna. Il-Kunsill Ewropew japprova l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Settembru 2020 dwar Suq Uniku appfondit għal irkupru qawwi u Ewropa kompetittiva u sostenibbli u jappella aktar speċifikament għal:

- l-implimentazzjoni u l-infurzar b'mod strett tar-regoli tas-Suq Uniku, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għall-Infurzar tas-Suq Uniku;
 - it-tneħħija tal-ostakli mhux ġustifikati li fadal, b'mod partikolari fil-qasam tas-servizzi, u l-evitar li jinħolqu oħrajn ġodda;
 - aġġornament tal-qafas ta' kompetizzjoni Ewropew biex jiġi żgurat li dan jissodisfa l-isfidi tat-tranżizzjoni ekoloġika, tat-trasformazzjoni diġitali, u tal-kuntest globali li qed jevolvi. Jenħteġ li dan il-qafas jipprovdi regoli ċari għall-operaturi ekonomiċi u jappoġġa l-innovazzjoni, inkluż fis-settur diġitali. Għandha tiġi esplorata l-possibbiltà li jiġu adottati regoli dwar ir-rwol u r-responsabbiltajiet sistemiċi tal-pjattaformi online b'effetti sinifikanti ta' network. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess l-eżitu tar-reviżjoni li l-Kummissjoni qed twettaq fir-rigward tar-regoli tal-kompetizzjoni, u li l-ewwel riżultati tagħha huma skedati għall-2021. L-effetti tal-globalizzazzjoni u t-tfaċċar tal-ekonomija diġitali għandhom jitqiesu f'dan il-kuntest;
 - it-tiswir tas-sistema l-ġdida ta' governanza ekonomika globali bbażata fuq aġenda ta' kummerċ ħieles ambizzjuża u bbilanċjata bid-WTO fil-qalba tagħha, filwaqt li nipproteġu lilna nfusna minn prattiki inġusti u abbużivi u niżguraw ir-reċiproċità. Ir-Regolament ta' Infurzar għandu jittejjeb, għandha titħaffef il-ħidma fuq il-proposta dwar l-Istrument għal Akkwist Internazzjonali u għandhom jiġu żviluppatti strumenti ulterjuri biex jiġu indirizzati l-effetti distorsivi tas-sussidji barranin fis-Suq Uniku;
 - l-investment fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-użu effettiv tal-ħiliet bil-ħsieb li jiżdiedu ż-żamma u l-ħolqien tal-impjiegi, jingħata appoġġ għall-prosperità ekonomika u soċjali, u jiġu implimentati l-politiki ta' protezzjoni soċjali meħtieġa f'konformità mat-Trattati.
5. L-UE trid issegwi politika industrijali Ewropea ambizzjuża biex l-industrija tagħha ssir aktar sostenibbli, aktar ekoloġika, aktar kompetittiva globalment u aktar reżiljenti. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tidentifika dipendenzi strateġiċi, b'mod partikolari fl-aktar ekosistemi industrijali sensittivi bħal fil-qasam tas-saħħa, u biex tipproponi miżuri biex jitnaqqsu dawn id-dipendenzi, inkluż billi jiġu diversifikati l-ktajjen tal-produzzjoni u dawk tal-provvista, tiġi żgurata l-kumulazzjoni ta' riżerva strateġika, kif ukoll billi jitrawmu l-produzzjoni u l-investment fl-Ewropa. Jappella għal:

- l-iżgurar ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, u ambjent regolatorju u qafas ta' għajnuna mill-Istat li jwasslu għall-innovazzjoni u jiffaċilitaw l-involviment sħiħ tal-SMEs;
- l-iżvilupp ta' alleanzi industrijali ġodda, inkluż dwar il-materja prima, it-tagħmir mediku, il-mikroproċessuri, in-networks siguri tat-telekomunikazzjoni, l-industrija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, u l-Clouds u l-Pjattaformi Industrijali;
- żieda fl-assistenza għall-Proġetti Importanti eżistenti ta' Interess Ewropew Komuni dwar il-Batteriji u l-mikroelettronika, u għal dawk li qed jiġu żviluppati mill-Istati Membri u mill-industrija fil-kuntest ta' diversi alleanzi (bħal dawk dwar l-Internet tal-Oġġetti, l-Idroġenu Nadif), sabiex jingħelbu l-fallimenti tas-suq u ssir possibbli l-innovazzjoni rivoluzzjonarja. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tgħin lill-Istati Membri jiżviluppaw Proġetti Importanti ġodda ta' Interess Ewropew Komuni. Barra minn hekk, jappella biex ikomplu jissaħħu s-sinerġiji bejn l-użu tal-fondi tal-UE u dawk nazzjonali fir-rigward ta' proġetti teknoloġiċi ewlenin, filwaqt li jiġu żgurati t-trasparenza u l-parteċipazzjoni miftuħa tal-SMEs;
- l-iżvilupp tal-awtonomija tal-UE fis-settur spazjali u bażi industrijali tad-difiża aktar integrata.

Dimensjoni diġitali

6. Il-pandemija tal-COVID-19 kompliet tenfasizza l-ħtieġa li tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni diġitali fl-Ewropa. Huwa kruċjali li naħtfu l-opportunitajiet ta' din it-tranżizzjoni biex insaħħu l-bażi ekonomika tagħna, niżguraw is-sovranià teknoloġika tagħna, insaħħu l-kompetittività globali tagħna, niffaċilitaw it-tranżizzjoni ekoloġika, noħolqu l-impjiegi u ntejbu l-ħajja taċ-ċittadini. Il-bini ta' Suq Uniku verament diġitali ser jipprovdi lill-Ewropa b'qafas intern li jippermetti lill-kumpanniji Ewropej jikbru u jespandu.

Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess il-proposta tal-Kummissjoni għal Att dwar is-Servizzi Diġitali sa tmiem din is-sena u jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta, sa Marzu 2021, Kumpass komprensiv għad-Dimensjoni Diġitali li jistabbilixxi l-ambizzjonijiet diġitali konkreti tal-UE għall-2030. Dan il-Kumpass għandu jistabbilixxi sistema ta' monitoraġġ għall-kapaċitajiet u l-abbiltajiet diġitali strateġiċi Ewropej, u jiddeskrivi l-mezzi u l-passi ewlenin biex niksbi l-ambizzjonijiet tagħna.

7. Biex tkun diġitalment sovrana, jeħtieġ li l-UE tibni suq uniku verament diġitali, issaħħaħ il-kapaċità tagħha li tiddefinixxi r-regoli tagħha stess, li tagħmel għażliet teknoloġiċi awtonomi, u li tiżviluppa u tnedi kapaċitajiet u infrastruttura diġitali strateġiċi. Fil-livell internazzjonali, l-UE ser tuża l-għodod u s-setgħat regolatorji tagħha biex tgħin biex jitfasslu regoli u standards globali. L-UE ser tibqa' miftuħa għall-kumpanniji kollha li jikkonformaw mar-regoli u l-istandards Ewropej. L-iżvilupp diġitali jrid jissalvagwardja l-valuri, id-drittijiet fundamentali u s-sigurtà tagħna, u jkun soċjalment ibbilanċjat. Dan l-approċċ iċċentrat fuq il-bniedem ser iżid l-attrazzjoni tal-mudell Ewropew.
8. Mill-inqas 20 % tal-fondi fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ser isiru disponibbli għat-tranżizzjoni diġitali, inkluż għall-SMEs. Flimkien mal-ammonti fil-QFP, dawn il-fondi għandhom jgħinu biex isiru avvanzati f'objettivi bħal:
 - it-trawwim tal-iżvilupp Ewropew tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' teknoloġiji diġitali, inkluż supercomputers u computing kwantistiku, blockchain, u Intelliġenza Artifiċjali ċċentrata fuq il-bniedem;
 - l-iżvilupp ta' kapaċitajiet fi ktajjen strateġiċi tal-valur diġitali, speċjalment il-mikroproċessuri;
 - l-aċċellerazzjoni tat-tnedija ta' infrastrutturi tan-network siguri u ta' kapaċità għolja ħafna – inkluż dawki tal-fibra u l-5G – madwar l-Unjoni Ewropea kollha;
 - it-tisħiħ tal-kapaċità tal-UE li tipproteġi lilha nnifisha kontra t-theddid ċibernetiku, li tipprovdi ambjent ta' komunikazzjoni sigur, speċjalment permezz ta' kriptaġġ kwantistiku, u li tiżgura aċċess għad-data għal finijiet gudiżzarji u tal-infurzar tal-liġi;

- l-isfruttar tal-potenzjal sħiħ tat-teknoloġiji diġitali biex jintlaħqu l-objettivi ambizzjużi fir-rigward tal-ambjent u l-azzjoni dwar il-klima inklużi fil-pakkett ta' Lulju;
 - it-titjib tal-kapaċitajiet diġitali fis-sistemi edukattivi.
9. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-istrateġija Ewropea għad-data, li tappoġġa l-ambizzjonijiet diġitali globali tal-UE li tibni ekonomija tad-data kompetittiva Ewropea reali, filwaqt li tiżgura l-valuri Ewropej u livell għoli ta' sigurtà tad-data, protezzjoni tad-data, u privatezza. Huwa jenfasizza l-ħtieġa li d-data ta' kwalità għolja ssir disponibbli aktar faċilment u li jiġu promossi u permessi l-kondiviżjoni u l-ġbir flimkien aħjar tad-data, kif ukoll l-interoperabbiltà. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ħolqien ta' spazji komuni Ewropej tad-data f'setturi strateġiċi, u b'mod partikolari jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti prijorità lill-ispażju tad-data dwar is-saħħa, li għandu jiġi stabbilit sa tmiem l-2021.
10. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-ħtieġa li jiġu stabbiliti servizzi tal-cloud Ewropej affidabbli, sikuri u siguri sabiex jiġi żgurat li d-data Ewropea tkun tista' tinħażen u tiġi pproċessata fl-Ewropa, f'konformità mar-regoli u l-istandards Ewropej. Għalhekk huwa jilqa' l-kunċett ta' infrastruttura cloud federata tal-UE u jistieden lill-Kummissjoni biex tmexxi din il-ħidma 'l quddiem malajr. Kapaċità akbar tal-cloud Ewropea, flimkien ma' qafas ta' interoperabbiltà abilitanti, għandhom jippermettu wkoll it-tnedija ta' soluzzjonijiet diġitali pubbliċi u privati bbażati fil-cloud li jkunu sikuri u siguri, inkluż l-iżgurar ta' aċċess aktar rapidu u aktar effiċjenti, konvenjenti u trasparenti għas-servizzi tal-gvern elettroniku.
11. Il-Kunsill Ewropew japprova l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2020 dwar it-tiswir tal-futur diġitali tal-Ewropa. Huwa jappella lill-UE u lill-Istati Membri biex jagħmlu użu sħiħ mis-sett ta' għodod għaċ-ċibersigurtà tal-5G adottat fid-29 ta' Jannar 2020, u b'mod partikolari biex japplikaw ir-restrizzjonijiet rilevanti fuq il-fornituri ta' riskju għoli għal assi ewlenin definiti bħala kritiċi u sensitivi fil-valutazzjonijiet tar-riskju kkoordinati tal-UE. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja li jeħtieġ li l-fornituri potenzjali tal-5G jiġu vvalutati abbażi ta' kriterji oġġettivi komuni.

12. Biex tiġi żgurata t-tnedija rapida tal-5G madwar l-UE, il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri kollha biex jippreżentaw il-pjanijiet nazzjonali tagħhom dwar l-introduzzjoni tal-5G lill-Kummissjoni sa tmiem din is-sena, kif stabbilit fil-Pjan ta' Azzjoni tal-5G.
13. L-UE jeħtieġ li tkun mexxejja globali fl-iżvilupp ta' Intelliġenza Artifiċjali sigura, affidabbli u etika. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex:
 - tipproponi modi biex jiżdiedu l-investimenti pubbliċi u privati Ewropej u nazzjonali fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali;
 - tiżgura koordinazzjoni aħjar, u aktar networks u sinerġiji bbażati fuq l-eċċellenza bejn iċ-ċentri ta' riċerka Ewropej;
 - tipprovdi definizzjoni ċara u oġġettiva ta' sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali ta' riskju għoli.
14. Il-Kunsill Ewropew jappella għall-iżvilupp ta' qafas għal identifikazzjoni elettronika (e-ID) pubblika sigura, inkluż firem diġitali interoperabbli, madwar l-UE kollha biex tipprovdi lin-nies b'kontroll fuq l-identità u d-data online tagħhom kif ukoll biex tippermetti aċċess għal servizzi diġitali pubbliċi, privati u transkonfinali. Huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposta għal inizzjattiva ta' "Identifikazzjoni Diġitali Ewropea" sa nofs l-2021.

Il-passi li jmiss

15. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għas-suġġetti tas-Suq Uniku, il-politika industrijali u d-dimensjoni diġitali fil-laqgħa tiegħu f'Marzu 2021. F'dan il-kuntest ser jivvaluta wkoll is-sitwazzjoni rigward il-ħidma fuq il-kwistjoni importanti tat-tassazzjoni diġitali.

III. RELAZZJONIJIET ESTERNI

Il-Lvant tal-Mediterran

16. L-UE għandha interess strateġiku f'ambjent stabbli u sigur fil-Lvant tal-Mediterran u fl-iżvilupp ta' relazzjoni ta' kooperazzjoni u ta' benefiċċju reċiproku mat-Turkija. F'dan ir-rigward hu rekwiżit assolut li jsir djalogu bona fide u li jkun hemm astensjoni minn azzjonijiet unilaterali li jmorru kontra l-interessi tal-UE u jiksru d-dritt internazzjonali u d-drittijiet sovrani tal-Istati Membri tal-UE. Id-differenzi kollha jridu jiġu solvuti permezz ta' djalogu paċifiku u skont id-dritt internazzjonali. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew itenni s-solidarjetà sħiħa tiegħu mal-Greċja u Ċipru, li s-sovrani u d-drittijiet sovrani tagħhom iridu jiġu rispettati.
17. L-UE tilqa' l-passi reċenti ta' bini ta' fiduċja mill-Greċja u t-Turkija, kif ukoll it-tħabbira li ser jissoktaw it-taħditiet esploratorji diretti tagħhom bl-għan ta' delimitazzjoni tal-Blata Kontinentali u ż-Żona Ekonomika Esklussiva taż-żewġ pajjiżi. Dawn l-isforzi jeħtieġ li jiġu sostnuti u estiżi.
18. Fl-istess ħin, il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-ksur tad-drittijiet sovrani tar-Repubblika ta' Ċipru li għandu jieqaf. Il-Kunsill Ewropew jappella lit-Turkija biex tastjeni minn azzjonijiet simili fil-futur, bi ksur tad-dritt internazzjonali. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja li d-delimitazzjoni tal-Blata Kontinentali u ż-Żona Ekonomika Esklussiva għandha tiġi indirizzata permezz ta' djalogu u negozjati ġenwini, b'rispett sħiħ għad-dritt internazzjonali, u jappella lit-Turkija biex taċċetta l-istedina ta' Ċipru biex tipparteċipa fi djalogu bl-oġettiv li jiġi solvut it-tilwim kollu dwar kwistjonijiet marittimi bejn it-Turkija u Ċipru.

19. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa l-issoktar rapidu tan-negozjati, taħt l-awspiċji tan-NU, u jibqa' impenjat bis-sħiħ għal soluzzjoni komprensiva tal-problema ta' Ċipru fil-qafas tan-NU u f'konformità mar-risoluzzjonijiet rilevanti tal-KSNU, inkluż ir-risoluzzjonijiet 550 u 789 tal-KSNU, u skont il-prinċipji li fuqhom hija bbażata l-UE. Huwa jistenna l-istess mingħand it-Turkija. L-UE tinsab lesta li taqdi rwol attiv fl-appoġġ tan-negozjati, inkluż billi taħtar, hekk kif dawn jissoktaw, rappreżentant għall-Missjoni ta' Bon Offiċji tan-NU.
20. Dment li jkunu sostnuti sforzi kostruttivi biex jieqfu l-attivitajiet illegali fir-rigward tal-Greċja u Ċipru, il-Kunsill Ewropew qabel li jniedi aġenda politika pożittiva UE-Turkija b'enfasi speċifika fuq il-modernizzazzjoni tal-Unjoni Doganali u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ, kuntatti bejn il-popli, djalogi ta' livell għoli, kooperazzjoni kontinwa fuq kwistjonijiet ta' migrazzjoni, f'konformità mad-dikjarazzjoni UE-Turkija tal-2016. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-President tiegħu, b'kooperazzjoni mal-President tal-Kummissjoni u bl-appoġġ tar-Rappreżentant Għoli, biex jiżviluppa proposta biex tingħata spinta għida lill-aġenda UE-Turkija għal dan il-għan.
21. Filwaqt li tfakkar u ttenni, fost oħrajn, il-konklużjonijiet preċedenti tagħha dwar it-Turkija ta' Ottubru 2019, f'każ li mill-ġdid ikun hemm azzjonijiet unilaterali jew provokazzjonijiet bi ksur tad-dritt internazzjonali, l-UE ser tuża l-istrumenti u l-opzjonijiet kollha għad-dispożizzjoni tagħha, inkluż f'konformità mal-Artikolu 29 TUE u l-Artikolu 215 TFUE, biex tiddefendi l-interessi tagħha u dawk tal-Istati Membri tagħha.

Il-Kunsill Ewropew ser ikompli jissorvelja mill-qrib l-iżviluppi u ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni kif meħtieġ u ser jieħu deċiżjonijiet kif adatt mhux aktar tard mil-laqgħa tiegħu ta' Diċembru.
22. Fl-aħħar nett, il-Kunsill Ewropew jappella għal Konferenza Multilaterali dwar il-Lvant tal-Mediterran u jistieden lill-Rappreżentant Għoli jieħu sehem f'taħditiet dwar l-organizzazzjoni tagħha. Modalitajiet bħall-parteċipazzjoni, l-ambitu u l-iskeda ta' żmien iridu jiġu miftiehma mal-partijiet involuti kollha. Il-Konferenza tista' tindirizza kwistjonijiet li dwarhom huma meħtieġa soluzzjonijiet multilaterali, fosthom id-delimitazzjoni marittima, is-sigurtà, l-enerġija, il-migrazzjoni u l-kooperazzjoni ekonomika.

Ċina

23. Il-Kunsill Ewropew laqa' r-rapport bil-fomm dwar il-laqgħa tal-Mexxejja tal-UE mal-President Xi Jinping fl-14 ta' Settembru kif ukoll l-iffirmar tal-ftehim dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi. Jisħaq fuq il-ħtieġa li r-relazzjoni ekonomika terġa' tiġi bbilanċjata u li tinkiseb ir-reċiproċità. Ifakkar fl-għan li, sa tmiem din is-sena, jiġu ffinalizzati n-negozjati għal Ftehim Komprensiv dwar l-Investment (CAI) ambizzjuż bejn l-UE u ċ-Ċina li jindirizza l-asimmetriji attwali fl-aċċess għas-suq, jikkontribwixxi għal kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, u jistabbilixxi impenji sinifikanti għall-iżvilupp sostenibbli. Jappella wkoll liċ-Ċina biex tonora l-impenji preċedenti tagħha sabiex tindirizza l-ostakli għall-aċċess għas-suq, biex tagħmel progress fir-rigward tal-kapaċità żejda u biex tipparteċipa f'negozjati dwar sussidji industrijali fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.
24. Il-Kunsill Ewropew jinkoraġġixxi liċ-Ċina biex terfa' responsabbiltà akbar fl-indirizzar tal-isfidi globali. Dan jinkludi, b'mod partikolari, billi tiegħu azzjoni aktar ambizzjuża dwar il-klima skont l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi u dwar il-bijodiversità, u tappoġġa risponsi multilaterali għall-pandemija tal-COVID-19, b'mod partikolari b'rabta mat-trattamenti u l-vaċċini, ir-rieżami indipendenti tar-rispons internazzjonali fil-qasam tas-saħħa, u s-serħan mid-dejn bħala kondizzjoni meħtieġa għall-irkupru mill-pandemija, b'mod partikolari fl-Afrika. Il-Kunsill Ewropew jilqa', bħala pass importanti fid-direzzjoni t-tajba, id-dikjarazzjoni tal-President Xi Jinping, wara l-vidjokonferenza tal-Mexxejja, li ċ-Ċina ser ikollha l-għan li tikseb in-newtralità karbonika qabel l-2060.
25. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza t-tħassib serju tiegħu dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, inkluż l-iżviluppi f'Hong Kong u t-trattament ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, kif espress fis-summit bejn l-UE u ċ-Ċina f'Ġunju u fil-laqgħa tal-Mexxejja li saret fl-14 ta' Settembru.
26. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-approċċ ta' politika lejn ir-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina kif stabbilit fil-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli "UE-Ċina: Perspettiva Strateġika" ta' Marzu 2019 u jappella għal aktar sforzi koerenti biex jiġi implimentat. Jistieden lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli jippreżentaw rapport ta' progress sa Marzu 2021. Jistenna b'interess laqgħa tal-membri kollha tiegħu mal-President Xi Jinping fl-2021.

Belarussja

27. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna l-vjolenza inaċċettabbli mill-awtoritajiet Belarussi kontra dimostranti paċifiċi, kif ukoll l-intimidazzjoni, l-arresti u d-detenzjonijiet arbitrariji wara l-elezzjonijiet presidenzjali, li r-riżultati tagħhom mhumix rikonoxxuti minnu. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa bis-sħiħ id-dritt demokratiku tal-poplu tal-Belarussja li jeleġġi l-President tiegħu permezz ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti ġodda, mingħajr indhila estern. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-awtoritajiet Belarussi biex itemmu l-vjolenza u r-repressjoni, jeħilsu lid-detenuati u l-priġunieri politiċi kollha, jirrispettaw il-libertà tal-media u s-soċjetà ċivili, u jibdew dialogu nazzjonali inklużiv. Huwa jaqbel li jenħtieġ li jiġu imposti miżuri restrittivi u jappella lill-Kunsill biex jadotta d-deċiżjoni mingħajr dewmien. Il-Kunsill Ewropew ihegġegħ ukoll lill-Kummissjoni Ewropea biex tħejji pjan komprensiv ta' appoġġ ekonomiku għal Belarussja demokratika.
28. Fir-rigward tal-Impjant tal-Enerġija Nukleari Belarussu f'Ostrovets, il-Kunsill Ewropew itenni l-importanza li tiġi żgurata s-sikurezza nukleari u ambjentali.

Il-konflitt f'Nagorno-Karabakh

29. Il-Kunsill Ewropew jappella għal waqfien immedjat tal-ostilitajiet u jhegġegħ lill-partijiet jergġgħu jimpenjaw ruħhom għal waqfien mill-ġlied dejjiemi u s-soluzzjoni paċifika tal-konflitt. It-telf ta' ħajjiet u t-tbatija mġarrba mill-popolazzjoni ċivili mhumix aċċettabbli. Ma jista' jkun hemm ebda soluzzjoni militari għall-konflitt, u lanqas indhila estern. L-Ażerbajġan u l-Armenja għandhom jidħlu f'negozjati sostantivi mingħajr prekondizzjonijiet. Il-Kunsill Ewropew jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-Kopresidenti tal-Grupp ta' Minsk tal-OSKE u jitlob lill-Rappreżentant Għoli jeżamina appoġġ akbar tal-UE għall-proċess ta' soluzzjoni.

Alexei Navalny

30. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna l-attentat ta' assassinju fuq Alexei Navalny b'aġent nervin kimiku militari mill-grupp "Novichok". L-użu ta' armi kimiċi jikkostitwixxi ksur serju tad-dritt internazzjonali. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-awtoritajiet tal-Federazzjoni Russa biex jikkooperaw b'mod sħiħ mal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) biex tiġi żgurata investigazzjoni internazzjonali imparzjali u biex iressqu lil dawk responabbli quddiem il-ġustizzja. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni fil-15 u s-16 ta' Ottubru 2020.
-